DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 51/2022

tat-18 ta' Marzu 2022

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/1119]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1445 tat-23 ta' Ġunju 2021 li jemenda l-Annessi II u VII tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 51 (ir-Regolament (UE) Nru 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu I tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"- **32021 R 1445**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1445 tat-23 ta' Ġunju 2021 (ĠU L 313, 6.9.2021, p. 4)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1445 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Marzu 2022, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 49/2022 tat-18 ta' Marzu 2022 [2], skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2022.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

---

[1] ĠU L 313, 6.9.2021, p. 4.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
[2] Ara paġna 19 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.